MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Numru 418/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)**

**vs**

**Massimo Drago**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra Massimo Drago ta’ 30 sena bin Marcello u Lucia nee’ Falzon imwieled Attard u residenti ‘Elmos’, Triq il-Lampara, Bahar ic-Caghaq, detentur ta’ karta ta’ identita numru 229171(m) akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar xhur, u cioe’ talli fit-18 ta’ Mejju 2001, u/jew fil-jiem ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom – dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. f'isem il-Kontrollur tad-Dwana talli fit-18 ta' Mejju 2001 instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, billi kellu mohbija fil-pannelling tat-Truck minnu misjuq, li jgib in-numru ta' registrazzjoni HAS 025, mitejn kartuna sigaretti b'mitejn sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans Blue u dan bi hsieb li jiffrodja lill-Gvern ta' Malta minn dazju u taxxi li jkun imissu jithallsu u/jew li jehles minn xi limitazzjoni, u/jew b'xi mod jiddisponi minnhom. Is-sigaretti in kwisjtoni ghandhom valur ta' Lm450, dazju tas-sisa ta' Lm1206, liema dazju tas-sisa ma giex imhallas u/jew kawtelat, dan bi ksur ta' l-Artikolu 60(a)(b)(c)(d)(k); l-artikolu 62 (a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37, u l-Artikoli 16(j) u 17(a) tal-att XVI tal-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta' Malta;

3. f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu, billi kellu mohbija fil-pannelling tat-truck minnu misjuq, li jgib in-numru ta' registrazzjoni HAS 025, mitejn kartuna sigaretti b'mitejn sigarett kull kartuna tal-marka Rothmans Blue u dan bil-hsieb li jiffrodja l-Gvern ta' Malta minn taxxi li jkun imisshom jithallsu u/jew biex tehles minn xi limitazzjoni u/jew b'xi mod iehor tiddisponi minnhom, liema sigaretti, li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta ghandhom ta' Lm450, dazju tas-sisa ta' Lm1206, b'valur totali ta' Lm1656 u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm248.40, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan bi ksur ta' l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bi ksur ta' l-Att numru XXIII ta' l-1998.

Semghet ix-xhieda;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz it-talba tal-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tal-VAT biex jittiehdu l-proceduri;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Illi l-provi juru univokament li l-imputat fit-18 ta' Mejju 2001 meta kien fl-arja doganali ta' Pinto Wharf ghabba u heba wara l-panewijiet tal-Van numru ta' registrazzjoni HAS 025 mitejn kartua sigaretti kontenenti mitejn sigarett kull kartuna. Dan il-fatt gie ben privat u wkoll gie ammess mill-imputat fl-istqarrija li hu kien debitament irrilaxxja. L-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u l-istqarrija minnu rilaxxjata ma gietx bl-ebda mod kontrastata. Mill-provi u fatti prodotti jirrizultaw ghalhekk sodisfacjentement pruvati t-tieni u t-tielet akkuzi. Differentement pero' minn imkien mill-provi ma tirrizulta l-ewwel akkuza dwar liema l-provi huma assolutament nieqsa.

Illi t-tieni u t-tielet akkuzi jattrattaw offizi kontra l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u l-Att dwar Dazju tas-Sisa. Jirrizulta mill-provi u d-dokumenti li l-valur tas-sigaretti meritu dawn il-proceduri hu ta' Lm450 li fuqhom hemm dazju ta' Lm1206 u VAT ta' Lm248.40. Issa trattasi l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att dwar il-Valur Mizjud il-piena hi, fil-fehma tal-Qorti, kumulattiva stante li z-zewg ligijiet huma distinti u separati.

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikolu 60(a)(b)(c)(d)(k), 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k) l-proviso tal-Artikolu 62 tal-Kap 37, ukoll l-Artikolu 16(j) u 17 tal-Kap 382, u l-Artikolu 80 tal-Kap 406 qeghda taqta u tiddecidi li tikkundanna lill-imputat multa komplessiva ta' Lm3254 oltre ghall-prigunerija ta' sena millum. Ghal dik li hi prigunerija l-Qorti qeghda tissospendiha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 ghall-perjodu ta' sentejn millum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor f'dan il-perjodu. Tordna l-konfiska tas-sigaretti meritu l-proceduri.

Illi in kwantu l-van numru ta’ registrazzjoni HAS 025 jirrizulta li l-imputat kien impjegat u l-van hu proprjetarju tal-principal tieghu li, ammess mill-prosekuzzjoni stess, ma kellu x’jaqsam xejn mal-offizi in kwistjoni. Ghalhekk m’hemmx lok ghal konfiska tieghu.

Illi mill-bqija tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------